**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 43

**L-Erbgħa, 10 ta' Novembru, 2021**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa u nofs, ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Sindku |
| Is Sa Josette Busuttil (JBD) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal Publiku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |

**ASSENTI:**

NIL

## UFFIĊJALI PRESENTI:

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv (SE)

Is-Sindku ippresjeda.

## 43.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

43.01.01 (SE) informat lil Kunsill li rċievit l-ittri t'apoloġija, mingħand il-kunsillieri (CS) u (MM). Il-Kunsill laqa' dawn l-ittri t' apoloġija u approvahom.

## 43.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 42)

43.02.01 Fil-Minuti tas-Seduta numru (42), kien hemm korrezzjonijiet min-naħa ta' (AC) fejn irrimarka li fil-42.08.02, "Ix-Xatt ta' Ta' Ġorg Preca" trid taqra "fiż-żona tal-Bajja ta' San Ġorg" u fil-42.13.05 il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu approvati minn qabel. Il-Minuti tas-Seduta preċidenti, bin-numru (42), ġew approvati mill-membri preżenti. (SZ) u (DP) astjenew, peress li ma kinux preżenti, fil-laqgħa preċidenti.

<u>Prop: (JBD)</u> <u>Sek: (JB)</u>

## 43.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

43.03.01 Is-Sindku rrimarka fuq it-tender tal-manutenzjoni tal-Ġonna, tax-xahar t' Ottubru, 2021, fejn il-kuntrattur tnaqqsulu l-pagamenti ta' xogħol li ma sarx.

43.03.02 (SE) ġibdet għall-attenzjoni rigward Jum Birżebbuġa, fejn ma kienx hemm previżjonijiet ta' kwotazzjonijiet, u l-ammont ġie jilħaq is-somma ta' tlettax -il elf ewro. Is-Sindku emfasizza biex issir iktar attenzjoni fuq l-ispejjeż tal-attivitajiet, għalkemm irrimarka li kien hemm parti mil-ispejjeż inkorporati li kienu relatati mal-pandemija tal-COVID 19.

43.03.03 (JDB) irrimarkat dwar il-high-up li ntuża fuq il-concrete pots. Ġie spjegat li kellu jintuża high-up biex jitmexxew il-concrete pots fix-xatt ta' San Ġorġ, minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin fil-preżent.

43.03.04 (SZ) staqsa kemm inxtraw servizzi matul is-sena, mingħand Audio System Malta. Is-Sindku ikkonferma li ma nxtara l-ebda servizz mingħand din il-kumpanija.

43.03.05 Is-Sindku staqsa jekk il-bexx kontra il-hornets fi propretajiet privati għandhomx isiru mill-Kunsill. (JB) ma qabilx li għandhom isiru min-naħa tal-Kunsill, imma fejn jirrigwardja l-iskola, għandhom isiru min-naħa tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

<u>Prop: (AC)</u> <u>Sek: (JBD)</u>

## 43.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

43.04.01 (SE) ippreżentat dawn il-kwotazzjonijiet:

1. Kitchenette fl-ewwel sular fil-Binja tal-Kunsill - Il-kwotazzjoni approvata, hija ta' Joe and Jerry Pace, li tammonta s-somma ta' €3,068.00, peress li kienet l-orħos kwotazzjoni u ser ikun qiegħed jintuża material ta' kwalità tajba.

2. 4x bins tal-plastik, biex jintużaw mill-publiku fil-ġonna tal-lokal - Il-kwotazzjoni approvata, hija ta' Anton Zarb, li tammonta s-somma ta' €1,225.00, peress li mhux biss kienet l-irħos kwotazzjoni, iżda huma magħmulin minn material ta' kwalità tajba u faċli biex jitnaddfu.

3. 13 -il ismijiet tat-toroq magħmulin miċ-ċeramika - Il-kwotazzjoni approvata, hija tal-Alka Ceramics, li tammonta s-somma ta' €690.30. Din kienet l-orħos kwotazzjoni, u li hemm inkluż fil-prezz, l-istallazzjoni. Ġie suġġerrit minn (AC) li jsir ftehiem li l-prezz jibqa' validu għal ammont ta żmiem, fil-każ li jkun hemm il-bżonn ta' aktar ordnijiet.

4. Playing Field fencing – Il-kwotazzjoni approvata, hija ta' Gokker Leisure and Sport Solution, li tammonta s-somma ta' €11,564.00. Madankollu, din il-kwotazzjoni tikklassifika fil-kategorija tas-sejħa għall-offerti u għaliha jrid jiġi ppubblikat tender.

5. Storage Shelving għat-tieni sular fil-binja tal-Kunsill - Il-kwotazzjoni magħżula, hija ta' Petrolea, li tammonta għas-somma ta' €1,253.16. Għalkemm mhix l-orħos kwotazzjoni, b' dawn l-ixkaffar ma jkunx hemm telf ta' spazju mitluf mit-tul tal-ixkaffar kollu u apparti hekk, ikun hemm xkaffa iżjed mit-tul kollu għall-istorage tal-files.

6. 6x Tokens għall-attivitajiet tal-Milied - Il-kwotazzjoni approvata, hija ta' Horace Enterprises, li tammonta għal €20.65 kull token. Din kienet l-orħos kwotazzjoni u l-iktar waħda preżentabbli.

7. 5x Cat Shelters - Il-kwotazzjoni approvata, hija ta' Borg Cardona, li tammonta s-somma ta' €875.00. Din kienet l-unika kwotazzjoni rċievejna għat-talbiet li ressaqna.

## 43.05 Komunikazjoni mis-Sindku

43.05.01 Is Sindku tkellem dwar l-iskemi ;

- L-attivitajiet tal-Milied - Il-Kunsill ħa jibbenifika €11,898.00 mill-iskema, li ssottometta l-appplikazjoni għalija dakinhar stess tas-seduta preċidenti. Dan jiġi kważi n-nofs l-ammont tat-talba li saret, u li kienet valur ta' €24,200.00. L-attività, b'kollox ħa tiġi tiswa madwar €45.000 li dan l-ammont għadu qed jiġi ffinalizzat.

- Il-Cat Shelters li ser jiswew is-somma ta' €6,500.00. 50% diġà ġew iffinanzjati minn qabel, filwaqt li l-kumplament tal-50%, jingħataw wara li jkun komplut il-proġett. Diġà nxtraw madwar €3,000.00 f'ikel, li ngħataw lil cat feeders irreġistrati mal-Kunsill u entitajiet oħra, filwaqt li issa nbeda wkoll il-proċess biex jinxtraw il-cat shelters.

- Is-Sindku reġgħa fakkar lil membri tal-Kunsill, fir-rigward iċ-ċirkulari tal-Planning Funding, ippubblikata mill-AKL, u li talaq fis-17 ta' Novembru, 2021. Għaldaqstant, talab lil kunsilliera, biex jibgħatulu l-korrispondenza tagħhom.

- Applikazzjoni ta' apparat għas-sistema ta' irrigazzjoni għal madwar erbgħin (40) siġra u mija u erbgħin (140) shrubs, fi Triq San Tumas, għal Ġnien Indipendenza. Dawn hemm allokati għalihom, is-somma ta' €55,000.00. Din l-iskema tgħalaq fl-aħħar ta' din is-sena u saret komunikazzjoni mal-MoU tal-Parks (Malta), fejn għandu ssir pjan ħollistiku.

- (SC) informa lil Kunsill li kien ser japplika għal skema li nħarget mill-Ministeru għal Inklużjoni, dwar il-bandli aċċessibbli minn persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti. Madankollu, meta nġabru l-kwotazzjonijiet, l-ispejjeż ġew għoljin ħafnu meta mqabbla mal-fondi li konna ser nibbenifikaw minnhom, u ma' kienx vjabbli.

43.05.02 (SZ) ta' informazzjoni dwar Ġnien il-Kunsill. Tkellem ukoll rigward ir-restawr tal-pittura fejn ġie ffirmat il-kuntratt mal-GAL XLOKK. (JB) ma' qabilx mal-fatt li l-Kunsill ħa joħroġ il-flus fuq propjetà ta' ħaddieħor, fejn jista' fil-futur ma' tibqax titgawda mill-poplu ta' Birżebbuġa.

43.05.03 (SC) għamel rimarka fuq il-Ministeru għall-Anzjani dwar is-servizz provdut tas-Silver-T, fejn ma ġiex allokat trasport dirett għall-anzjani ta' Birżebbuġa. Dan it-transport irid jiġi konġunt mal-lokalità tas-Siġġiewi, lima lokalità hija mbegħda minn Birżebbuġa. (AC) irrimarka dwar is-sistema ta' trasport tal-Metro, fejn hemm ħafna nies minn barra l-lokalità li jiġu jaħdmu ġewwa Birżebbuġa, filwaqt lin-nies ta' Birżebbuġa qed issibu problema biex immorru għax-xogħol.

43.05.04 (SC) ta' informazzjoni dwar il-kwistjoni fin-nuqqas tax-xogħlijiet minn Infrastructure Malta, fi Triq Għar Dalam, fejn mill-bidu ta' Ottubru li għadda, kull ġimgħa jiġu mfakkra mingħand (SC), (AC) u (JBD) u ma jsir xejn. (JB) insista li x-xogħol għandu jaqbad u jsir mill-Kunsill u mhux joqgħod jistenna mingħand l-awtoritajiet. (AC) qal li wara ħafna tentattivi biex ikellem il-Perit Vassallo, qalu li hemm problema ta' min ser jagħmel it-tarmak. (SC) ħa jagħti ġimgħa ċans, biex tittieħed deċizjoni.

43.05.05 Is-Sindku tkellem dwar lis-street humps u dwar il-bill of quantity, imħejji mill-Perit. Hu ikkunsulta mal-Perit u l-prezz ġie jammonta €60,000.00, li din is-somma tkopri street humps ta' madwar 12 -il triq u tinforma parti mill-kuntratt attwali.

43.05.06 (SC) irrefera għal kuntratt tal-Contracts Management tal-Perit Carmel Capocardo, fejn fis-seduta preċidenti, twaqqaf il-punt fejn is-(SE) kellha tibda tiegħu ħsieb l-istruttura tat-tenders. Is-(SE) ikkonfermat mad-Dipartiment tal-IPS, u ġiet infurmata li f'Jannar ħa jinfetħu il-prospectus dwar il-korsijiet li ser ikunu qegħdin joffru.

43.05.07 (SC) fakkar li fil-21 ta' Novembru, sejra ssir il-Fun Run, b' risq il-Community Chest Fund. Ir-rotta ta' din is-sena sejra tkun minn Wied Il-Buni sal-area magħrufa tal-Ferretti tul il-promenad, bl-assistenza tal-pulizija u l-NGOs tal-lokalità. (SC) informa li l-bejgħ tat-T shirts, għadu ftit baxx u appella sabiex il-poster li qiegħed fuq il-paġna tal-Kunsill, jiġi xxerrjat.

43.05.08 Is-Sindku qajjem il-punt dwar l-ingaġġ tal-persuna, mil-ERL. Peress li dan, qabel kien jaħdem bit-tnax -il siegħa, fuq bażi ta' xift -Day In/Day Out, talab li jibqa' jaħdem bl-istess mod, minħabba li jonqsulu x-xift allowances. (JB) ma qabilx ma' din it-talba, minħabba li b' hekk jinħoloq preċident, u wkoll mhux vjabbli li jkun xogħol fil-weekend. (SC) talab biex din il-persuna, peress li ser ikun jitħallas mil-ERL, jaħdem Day In/Day Out, imma jiġi jidher li qed jaħdem ħamest ijiem fil-ġimgħa, bħall-kumplament tal-ħaddiema. (SE) irrimarkat li, jekk il-persuna jkollha inċident waqt il-ħin tax-xogħol fil-weekend, l-insurance ma tkopriħx. (AC) staqsa, għalfejn meta ġejna biex ningaġġawh, ma infurmaniex bil-ħinijiet li ried jaħdem. Il-Kunsill iddeċieda li din il-persuna trid taħdem bħall-kumplament tal-ħaddiema l-oħra, jiġifieri ħamest ijiem fil-ġimgħa, u li jkopru bejn it-Tnejn sal-Ġimgħa.

43.05.09 (SC) talab lil Kunsilliera biex jirrispondu għall-emajl li nbgħatet mill-Perit, fi ħdan l-uffiċċju, fir-rigward xi objections ġodda.

## 43.06 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

43.06.01 (SE) staqsiet jekk kienx hemm mozzjonijiet u rakkomandazzjonijiet. Min-naħa tal-Kunsilliera preżenti, ma kienx hemm la mozzjonijiet u lanqas rakkomandazzjonijiet, jittressqu.

## 43.07 Punti mressqa mis-Segratarju Eżekuttiv

43.07.01 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet u aġġornat lil Kunsill fir-rigward tal-assignment li l-Kunsill għoġbu jagħti lil kuntrattur il-ġdid, tal-iskart, minflok il-kuntrattur attwali. (SE) spjegat lil Kunsill li ġiet avviċinata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li dan l-assignment għandu bżonn li jkun kopert ukoll bl-approvazzjoni tas-Segretarju Parlamentari, fi ħdan id-Dipartiment. Għalkemm fis-seduta preċidenti dan kien diġà ġie approvat, (SE) talbet għal approvazzjoni aktar ċara, min-naħa tal-Kunsill.

## <u>Votazzjoni</u>

Favur <u>6</u> Kontra <u>0</u> Astjena 1 (minħabba li fis-seduta preċidenti, ma kienx preżenti)

43.07.02 (SE) infurmat lil Kunsilliera li l-Kunsill irċieva ittra legali mingħand l-insurance ta' persuna li kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha, fi triq F M Ferretti, meta għoliet tappiera bil-pressa tal-ilma tax-xita, u għaldaqstant, tkissret il-gear box tal-vettura. L-ispiża tammonta l-valur ta' 'l fuq minn €4,000.00. (SE) irrimarkat li t-tappiera hi responsabbiltà tad-dipartiment tas-servizzi tal-ilma. (JB) irrimarka li meta il-persuna kkonċernata, għamlet ir-rapport l-għassa tal-Pulizija, informat li l-inċident ġara waqt li kienet niżla x-xita. (SE) kompliet tgħid, li hemm appuntament skedat bejn is-Sindku u hi, mal-avukat tal-Kunsill.

43.07.03 (SE) fakkret li fil-21 ta' Diċembru, 2021, ser isir il-bibità tal-Milied, filwaqt li fid-9 ta' Jannar, 2022, ser issir l-ikla tal-Kunsill.

43.07.04 (SE) avvżat li daħħlet talba mingħand skivana li ilha ħafna żmien taħdem bir-reduced hours, u fejn din il-ħaddiema talbet li minn Jannar li ġej, taqleb għal xogħol, fuq bażi full time. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

43.07.05 (SE) infurmat li daħħlitilha talba mingħand ħaddiema li taħdem mal-Kunsill fuq bażi part-time, fejn din il-ħaddiema talbet jekk hijiex intitulata għal-qualification allowance. Il-Kunsill qabel, li dan l-allowance tingħata pro-rata, għaliex hija ġustifikata, skont ir-regolamenti meħtieġa.

43.07.06 (SE) talbet lil kunsilliera, sabiex jirrispondu għall-emajl li nbagħtet, fir-rigward l-aġġornament tal-lista tar-rigali tal-Milied.

43.07.07 (SE) qajmet il-punt dwar il-persuna li tiġi tnaddaf il-binja tal-Kunsill. Għal fini ta' awditjar, suppost kellha tinħareġ kwotazzjoni, imma peress li l-kuntrattur preċidenti beda jfalli ta spiss, kienet avviċinat lil din il-persuna li għandha tender fil-Kunsill, bħala handyman, mingħajr ma saret talba għall-kwotazzjoni. (SC) talab lis-(SE) biex tinħareġ talba għall-kwotazzjonijiet, ħalli jkollna kollox kif suppost.

## 43.08 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

43.08.01 (JF) tkellem dwar il-proġett ta' Wied il-Buni, fejn talab biex issir laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu. (JF) saħaq fuq il-foss ta' Wied il-Buni, li kien ġie mirdum u hemm il-bżonn li dan il-foss jerġa' jitħammel u jieħu l-ħajja, biex ikun jista' jintuża bħala ġibjun, parkeġġ jew attrazzjoni għat-turiżmu. (SC) qabel li għanda ssir din il-laqgħa mal-Ministru konċernat.

43.08.02 (SZ) irrefera għall-impjant fil-Qajjenza, fejn il-Ministru tal-Enerġija qalet li din l-area hi propjetà tal-Enemalta. Dan ġie kkonfermat minn (JB). (SZ) saħaq biex parti minn dan l-impjant jintuża bħala parkeġġ għar-residenti tal-Qajjenza.

43.08.03 (SZ) tkellem dwar ir-road humps, fejn informa li hemm il-BoQs u ser jiġu jiswew ftit aktar minn €59.000.00. (SC) iddeċieda li l-proċess għandu jitmexxa imma jkun hemm persuna li tikkordina mal-kuntrattur u l-Perit, dwar dawn ix-xogħlijiet. Għaldaqstant, is-Sindku talab lil kunsillier (AC), sabiex ikun hu l-kordinatur.

43.08.04 (SZ) informa li l-arbli fi Triq il-Brolli, huma lesti bid-dawl (arblu iva u ieħor le), sas-substation ta' fuq. Fi Triq Issel, saru tliet arbli ġodda u ħa jsir ir-raba' wieħed.

43.08.05 (SZ) avvża li kien hemm min issuġġerixxa li mar-roundabout ta' ħdejn il-knisja, titneħħa il-give way ta' Triq Żaren Dalli u ssir give way mar-roundabout. (SC) iddeċieda li jsir stop sign minflok give way fi Triq Zaren Dalli, imbagħad jekk ikun hemm il-bżonn, issir sleeping policeman. Is-Sindku talab lil (SZ), sabiex jikkordina mal-uffiċċju/ foreman.

43.08.06 (JF) insista li quddiem il-knisja hu mdallam wisq u ssuġġerixxa liż-żewġ globi ta' mal-arbli taz-zuntier jiżdiedu billi jinxtegħlu l-erba' globi l-oħra u jiġu kkunnetjati mad-dawl tal-Gvern. (SC) irrimarka li s-sqaq tal-Papa bejn il-Carribean u r-residenti, hu mudlam, u ġie miftiehem li jiġi ddentifikat kemm hemm arbli, biex jekk ikun hemm bżonn, jiżdiedu n-numru tal-arbli u jinxtgħelu.

43.08.07 (SZ) Qajjem il-kwistjoni tas-sistema tal-one-ways fil-Qajjenza. Ġie deċiż, li tintbagħat ittra li tinkludi l-pjanti proposti, lir-residenti kollha tal-Qajjenza, sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar is-sistema tal-one-ways. (SE) ser tkun qed tikkordina dan il-proċess amministrattiv.

43.08.08 (SZ) irrimarka dwar il-ħsarat fil-bankini. (SC) inkariga lil (AC) biex jagħmel rapport fuq il-ħsarat tal-bankini, biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni minn min se jissewew.

43.08.09 (JBD) staqsiet dwar il-pjan ta' parkeġġ, fi Triq F.M Ferretti. (SZ) qal li l-pjanta li għamlet il-Perit tal-Kunsill, tipprovdi 12 -il parkeġġ iżjed minn dik li provdit l-Awtorità tat-Trasport. (AC) qajjem il-punt fejn ġie suġġerit, minn TM, li ħdejn il-Batterija Ferretti, il-parkeġġ jinbidel għan-naħa l-oħra tat-triq, biex jiġu evitati inċidenti tat-traffiku, minħabba li l-vetturi jgħaddu b' veloċità qawwija, f'ilwa. (JB) sostna li jekk isir hekk, ser jitnaqqas in-numru ta' parkeġġ, peress li n-naħa l-oħra tat-triq hemm żewġ garaxxijiet.

43.08.10 (AC) inform li ġie avviċinat rigward l-automatic barrier, fil-Bajja Is-Sabiħa. Hu ntalab li fil-ħinijiet tax-xitwa, il-ħin tar-remote, jittawwal. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-ħin jitawwal sal-erba' ta' waranofsinhar, filwaqt li jibqa' kif kien ġie miftiehem, għal tmiem il-ġimgħa.

43.08.11 (AC) tkellem dwar it-tibdil tar-rotot tal-karozzi tal-linja minn TM fil-Qajjenza u f'tal-Papa, fejn (AC) ta' s-siġġerimenti tiegħu kif għandhom isiru. Huwa qal li b' kollaborazzjoni ma' (SE), qegħdin javviċinaw l-Awtorità tat-Trasport Pubbliku, biex iwasslu dawn l-opinjonijiet.

## 43.09 Proġetti u skemi

43.09.01 (AC) Talab li ssir laqgħa mal-Perit, biex jiġu konkludi d-disinji ta' diversi toroq. (SC) qabel li għanda ssir din il-laqgħa mal-Perit.

43.09.02 (AC) tkellem dwar il-proġett tal-monument ta' San Ġorg Preca, fejn informa lil Kunsill li l-bust huwa lest, u l-pedestal tal-irħam, qiegħed fil-proċess. Hu ssuġġerixxa li jiġi mgħotti bil-hording sakemm jiġi uffiċjalment miftuħ, fil-5 ta' Diċembru, 2021.

43.09.03 (SZ) tkellem dwar id-dwal li jrid isir fi Ġnien Indipendenza. Huwa spjega li biex jitwaħħlu l-arbli u jingħadda d-dawl minn taħt il-bankini, il-madum tal-bankini hemm bżonn li jinqala'. Sar qbil, li flok il-madum, il-wiċċ tal-bankini jsir tal-konkos.

## 43.10 Indafa u ambjent

43.10.01 (SZ) irraporta li ħdejn il-berġa l-antika, hemm xi żewġ spralli miftuħin u qed jitilgħu l-ġrieden.

43.10.02 (SC) tkellem dwar it-tindif ta' Triq il-Fortizza ta' Bengħaisa, fejn il-kuntrattur intalab biex jagħmel ilqugħ ħalli ma jkunx hemm periklu, minħabba li naddaf il-material. Tpoġġew blokok tal-konkos biex dan il-periklu jiġi evitat.

43.10.03 (SC) Propona li l-bring-in-site, li tinsab f' Dawret il-Qalb Imqadssa titneħħa minn posta, minħabba li qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ u jagħmel dehra kerha, hekk kif wieħed jidħol fil-lokalità. (JB) ma qabilx ma din il-proposta u kien tal-opinjoni li jsiru s-CCTVs. Wara votazzjoni, ġie deċiż li l-bring-in-site f' Dawret il-Qalb Imqadssa, titneħħa. L-uffiċċju ser ikun qiegħed jikkordina mal-GreenPak.

43.10.04 (SZ) Propona li jsiru kurduni fir-roundabout/ġnejna, fit-tarf ta' Triq San Filippu, li tagħmel ma' Triq il-Kummerċ, peress li hemm nies li joqogħdu fil-viċinanzi u lesti li jieħdu ħsieb din il-ġnejna. (SC) qabel ma' din il-proposta u talab biex issir din il-kurduna.

43.10.05 (JBD) tkellmet dwar skip f'Avalon Court fil-Qajjenza. (SC) talab lil (JBD) biex tikkordina mal-pulizija tal-komunità.

43.10.06 (JBD) irċievit ilment mir-residenti ta' Triq Il-Port Ħieles, il-biċċa li tagħmel ma' Triq San Ġużepp, fejn sar re-surfacing tat-toroq tal-madwar, imma din it-triq li tagħlaq, ma saritx. (AC) wieġeb li ser jiċċekja dwara.

## 43.11 Attivitajiet

43.11.01 (JBD) irringrazzjat lil kull min ta' sehmu, biex inġabru xirjiet għal familji fil-bżonn ta' Birżebbuġa, waqt il-halloween.

43.11.02 (JBD) elenkat l-attivitajiet li jmiss:

- L-attività ġewwa l-kumpless tal-Esplora, fil-Kalkara, skedata, fl-20 ta' Novembru, 2021.
- L-attività ġewwa l-Birgu, skedata, fit-13 ta Diċembru, 2021.
- Is-Sibt, 4 ta' Diċembru, Milied fil-Pjazza, Birżebbuġa.
- Il-Ħadd, 5 ta' Diċembru, filgħodu ħa ssir quddiesa b'risq San Ġorg u wara issir l-inawgurazzjoni tal-monument ta' San Ġorġ Preca.

- Il-Ħadd, 5 ta' Diċembru, ħa jsir il-Concerto Di Natale.

## 43.12 Kultura, żgħażagħ u sport

43.12.01 (DP) Spjegat kif din is-sena l-kompetitzjoni tat-tfal ser issir permess ta' preżentazzjonijiet ta' Presepji, magħmulin minn materjal riċiklat.

43.12.02 (SC) aġġorna li ġie sottomess rapport lil MOC Sports Awards fuq inizjattivi sportivi li saru min-naħa tal-Kunsill.

## 43.13 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

43.13.01 (JBD) staqsiet dwar il-possibbiltà ta' trasport għal- poliklinika ta' Raħal Ġdid, servizz għall-anzjani, biex jieħdu t-tilqima tal-influwenza. (SC) spjega kif prova kemm- il darba, biex din it-tilqima tingħata mis-sala tal-Kunsill, imma t-talbiet ġew irrifjutati, peress li t-tilqima tal-booster tal-COVID 19, kellha prijorità. (SC) spjega, kif min-naħa l-oħra, mhiex daqshekk vjabbli li tgħabbi xarabank anzjani u jkollhom jistennew għal ħafna ħin, sakemm jirritornaw lura lejn Birżebbuġa.

43.13.02 (SZ) staqsa jekk irċevejniex ir-rapporti tat-trakka, li kien semma s-Segretarju Parlamentari, Clifton Grima, meta kien ġie jiltaqa' mal-Kunsill u li kien qal li dan ir-rapport kien lest. (SC) talab lis-(SE) biex tibgħat tfakkru dwar dan ir-rapport.

## 43.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li s-seduta (44) ser issir ġewwa l-binja tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru fil-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00).

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| __________________________ | __________________________ |
| Scott Camilleri | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |